**Fil-Bord ta' l-Appell dwar it-Turiżmu**

**Fl-atti ta' l-Appell Numru 101/17**

**Fl-ismijiet:**

**Joseph Agius**

**Vs**

**L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta**

Illum, 26 ta' April 2021

Il-Bord:

Ra l-appell tal-appellant, Joseph Agius, rigward id-deċiżjoni ta' l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta ('l-Awtorita') – avviz ta' infurżar tas-27 ta' Jannar 2017, numru ta' reference EN/001/17, li permezz tagħha l-Awtorita' ordnat lil Joseph Agius sabiex iwaqqaf immedjatament l-operat ta' l-istabbiliment Cafe San Martino, Demi Bastions, Quarters Street, Victoria, Għawdex minħabba li qed jopera dan l-istabbilitment mingħajr il-permessi neċessarji sa minn qabel is-27 ta' Jannar 2017, u dan bi ksur ta' l-artikoli 18(1) u 43(1) tal-Att dwar is-Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu (Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 15(1) tal-Leġislazzjoni Susidjarji 409.08.

Ra r-risposta tal-Awtorita' tat-Turizmu u id-dokumenti eżebiti;

Ra l-provi kollha mressqa mill-partijiet, dokumenti u ritratti pprovduti mill-partijiet;

Sema' ix-xiehda mressqa mill-partijiet;

Ikkunsidrat n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi fl-appell tiegħu l-appellant jikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorita' minħabba li n-nuqqas li qed jiġi allegatament attribwit lill-appellanti *'la ma ddipenda mill-appellanti u anqas ma kellu kontroll fuqu l-istess appellanti. Tant hu hekk li fil-verita' l-appellanti tpoġġa fl-impossibilita' fizika illi jadempjixxi ruħu bis-sħiħ ma' dik li titlob il-Liġi u dana stante illi d-Dipartiment tal-Artijiet krielu propjeta' illi fiha/fuqha kien hemm numru ta' illegalitajiet, liema illegalitajiet irrendewha impossibili ghall-appellanti illi jottjeni l-permessi kollha neċessarji da parti tal-Awtorita' tal-Ippjanar u sussegwentement dawk da parti tal-Malta Tourism Authority – ad impossibilia nemo tenetur.'*

Illi fir-risposta tagħha l-Awtorita' appellata rrispondiet li:

1. L-istabbiliment *'mhux kopert minn ebda liċenzja maħruġa da parte ta' l-Awtorita' esponenti u għalhekk ma jista' jopera l-istabilliment de quo bħala stabbiliment ta' l-ikel u anqas ma jista' iqieghed imwejjed u siġġijiet barra l-istess stabbiliment'.*

2. *'L-Awtorita' esponenti mhijiex f'possizjoni li toħroġ liċenzja favur l-appellant sabiex hu jkun jista' jibda jopera... għaliex l-istabbiliment in kwistjoni mhux kopert bil-permessi neċessarji mill-Awtoritajiet u/jew entitajiet governattivi 'l oħra konċernati, bħal per eżempju mhuwiex fil-pussess tal-permessi neċessarji mingħand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.'*

3. Il-proċeduri ta' l-appell quddiem l-Awtortita' ta' l-Ippjanar għadu pendenti.

4. L-appellant kien diġa avzat kemm-il darba sabiex jieqaf milli jopera dan l-istabbiliment qabel ma jottjeni l-permessi relattivi, inkluz *warning letter* datata 6 ta' Awwissu 2014 u *administrative fine notice* datata 26 ta' Ottubru 2016, liema multa amministrattiva tħallset mill-appellant.

Ikkunsidra:

Illi f'affidavit ta' l-appellant, Joseph Agius, (Dok. JA5) jikkonferma li jikri l-propjeta mingħand il-Gvern ta' Malta, liema propjeta ġiet mikrija lilu fid-9 ta' Marzu 2012. Il-propjeta' tikkonsisti minn kamra u l-arja miftuħha tagħha li tinsab quddiem il-kamra.

Illi l-appellant ikkonferma li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar *'sabet diffikulta sabiex tapprova l-permess tal-izvilupp li applikajt jien għalih minħabba dawn l-istrutturi illegali li hemm fil-post u kif spjegajt la ma saru minni u anqas ma' nista' nneħħihom mingħajr il-kunsens tas-Sid u cioe tal-Lands Authority.'*

Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018, deher ix-xhud Oliver Magro, rapprezentant tal-Awtorita ta' l-Ippjanar. Is-Sur Magro pprezenta dokument mill-Awtorita ta' l-Ippjanar datata il-21 ta' Dicembru 2015 fejn jsemmi r-raġunijiet ghar-rifjut ghall-applikazzjoni sabiex jissanzjonaw illegalitajiet fl-istabbiliment Cafe San Martino, Dok OM2. Dan ir-rifjut gie appellat mill-appellant Joseph Agius quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-ippjanar fil-25 ta' Jannar 2016. Sal-ġurnata tas-seduta l-appell ma' kienx għadu deċiż.

Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2019, deher ix-xhud ta' l-appellant Karl Borg, rapprezentant ta' l-Awtorita ta' l-Artijiet. Ġie pprezentat il-kuntratt ta' lokazzjoni ta' l-istabbiliment Cafe San Martino, liema kirja kienet għal-ħames snin li bdew jiddekorru mid-9 ta' Marzu 2012. Ix-xhud ġie muri xi ritratti tal-istabbiliment fejn ikkonferma li kien hemm *canopy* ta' l-injam, anke minn qabel l-appellant Joseph Agius kera dan il-lok.

Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2019, l-Awtorita' pprezentat xi xhiedha b'affidavit. Fl-affidavit ta' Franco Buhagiar, (Dok MTA1), hu:

1. Ikkonferma illi għamel diversi ispezzjonijiet fl-istabbilment Cafe San Martino sabiex jara jekk qed jopera. Fil-12 ta' Jannar 2016 hu, flimkien ma' John Bonnici, sabu li kien magħluq.
2. Fit-13 ta' Ottubru 2016 waqt ispezzjoni oħra, ukoll ma John Bonnici u Adrian Saliba, wissew lill-appellant li qed jikser il-liġi u infurmawħ li jistgħu jittieħdu passi izjed serji fil-konfront tiegħu. Dak in nhar ħadu xi ritratti.
3. Illi fil-26 ta' Ottubri 2016 ħarġet multa amministrattiva lill-appellant, liema multa ġiet imħallsa.
4. Illi fil-20 ta' Jannar 2017, ix-xhud flimkien ma' John Bonnici u Adrian Saliba, marru fuq il-post u sabu l-istabbiliment magħluq. Fit-23 ta'Jannar 2017, reġgħu marru fuq il-post u sabu li *'kien qed jopera mingħajr il-permessi meħtieġa u sibna wkoll li poġġa siġġijiet u mwejjed barra l-istabbiliment mingħajr permess'*.
5. Illi fis-27 ta' Jannar 2017, saret ispezzjoni ohra mill-istess uffiċjali, fejn Joseph Agius ingħata *Enforcement Notice EN/001/17* u waħħlu l-istess avviz mal-bieb ta' l-istabbiliment. Dak in-nhar ġie avzat sabiex jieqaf jopera b'mod immedjat u jirregola ruħhu. Sad-data ta' l-affidavit, l-appellant kien għadu qed jopera l-istabbiliment.

L-Awtorita' pprezentat ix-xhiedha b'affidavit ta' Adrian Saliba, (Dok MTA2), uffiċjal ta' l-infurzar tal-Awtorita' tat-Turiżmu.

1. Ix-xhud ikkonferma li l-appellant kien infurmat diversi drabi sabiex ma' jkomplix jopera l-isabbiliment Cafe San Martino sakemm ikollu l-permessi kollha meħtieġa.

2. Illi fit-13 ta' Ottubru 2016, ix-xhud assista lil John Bonnici u Franco Buhagiar, u *'konna wissejna lis-Sur Joseph Agius kien qed jopera migħajr il-permessi meħtieġa. Konna wissejna lis-Sur Joseph Agius li b'dan l-aġir huwa kien kompletament qed jinjora it-twissijiet mogħtija lilu mill-Awtorita tat-Turiżmu u infurmajnieħ ukoll li jistgħu jittieħdu passi izjed serji fil-konfront tiegħu.'*
3. Ix-xhud ipprezenta ritratti varji ta' l-ispezzjonijiet kollha.
4. Ix-xhud ikkonferma l-istess fatti li qal ix-xhud Franco Buhagiar.

L-Awtorita' pprezentat ix-xhiedha b'affidavit ta' John Bonnici, (Dok MTA3), uffiċjal ta' l-infurzar tal-Awtorita' tat-Turiżmu.

1. L-Awtorita' kienet oriġinarjament irċieviet ilment dwar dan l-istabbiliment li ma kellux prezzjijiet fuq il-menu.
2. Minn stħarrig li għamlet l-Awtorita' irrizulta li dan l-istabbiliment kien qed jopera mingħajr il-permessi meħtieġa. Fi Frar 2014, Joseph Agius, kien infurmat li qed jopera mingħajr permessi u sabiex jirregola ruħu. Joseph Agius qal li kien ser ikellem lil-perit tiegħu sabiex jara fejn wasal il-permess fl-Awtorita' ta' Ippjanar. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm applikazzjoni fuq dan l-istabbilimnet fl-14 ta' Frar 2014.
3. Wara ispezzjonijiet oħra fis-sena 2014, Joseph Agius inbagħat twissija uffiċjali sabiex jieqaf jopera immedjatament u li kienu ser jittieħdu passi ulterjuri fil-konfront tiegħu jekk ma jobdix l-ordni.
4. Ix-xhud ikkonferma l-istess informazzjoni li taw ix-xhieda preċedenti.
5. Fit-27 ta' Jannar 2017 inħareġ *Enforcement Notice EN/001/17* u ġiet imwaħħla mal-bieb ta' l-istabbiliment tiegħu. Fit-23 ta' Marzu 2017 saret ispezzjoni oħra mix-xhud u Adrian Saliba, u sabu li kien għadu qed jopera mingħajt permessi. Ix-xhud qal li waqt li kienu qed jitkellmu ma' l-appellant *'ammetta li kien qiegħed jaġixxi bi ksur il-liġi'*.
6. Sad-data ta' l-affidavit, l-appellant kien għadu qed jopera mingħajr il-permessi meħtieġa.

Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2020, l-Awtorita' ġabet bħala xhieda rapprezentant tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar, Marthese Debono fejn ikkonfermat li fit-26 ta' Jannar 2016 gie intavolat appell in relazzjoni tal-kaz 09/16, dwar il-permess ta' l-istabbiliment Cafe San Martino, quddiem it-Tribunal dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, liema kas sal-lum ma ġiex deċiż.

Ix-xhud għamlet referenza ghall-applikazzjoni numru PA/03220/15 fejn l-infurzar ġie sospiz mit-Tribunal dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sakemm issir deċizjoni dwar l-applikazzjoni. Sad-data tas-seduta l-infuzar kien għadu sospiz stante deċizjoni tal-Awtorita' kkonċernata.

Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2020, l-Awtorita' ġabet bħala xhieda, Karl Borg, Manager Credit Control ghall-Awtorita ta' l-Artijiet għall-kontroezami. Meta mistoqsi dwar il-kuntratt ta'

lokazzjoni lx-xhud ikkonferma li l-kuntratt ġie tterminat wara ħames snin, cioe fis-sena 2017. Wara li ġie mistoqsi dwar permessi vis-a-vis l-kuntratt ta' lokazzjoni hu qal li l-Awtorita ta' l-Artijiet ma tidholx fil-mertu ta' permessi. Hu qal li l-Awtorita ta' l-Artijiet tikri l-post umbagħad sta għal persuna li qed tikri sabiex iġib il-permessi neċessarji biex jista' jopera.

Ix-xhud qal li mis-sena 2017 l-Awtorita ta' l-Artijiet ma' ħargitx invoice oħra peress li l-kuntratt kien għal-ħames snin, cioe ġie tterminat fil-2017. Ix-xhud spjega li l-permess ghall-kirja ma' tiġix mġedded awtomatikament imma trid issir tender ghall-applikazzjonijiet. Meta mistoqsi mill-avukat ta' l-appellant jekk kienx hemm discussjoni sabiex l-kirja minn 5 snin issir ta' 15-il sena, ix-xhud qal li kien hemm talba imma ma' ġiex deċiz.

Konsiderazzjonijiet ta' dan il-Bord:

Dwar l-aggravju magħmul mill-appellant Joseph Agius, dan il-Bord jaghmel referenza ghall-artikolu 18(1) tal-Att Dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, liema artikolu jgħid:

> *'Ħadd ma jista' jżomm jew imexxi lukanda, guesthouse, hostel, postijiet għall-vaganzi jew stabbiliment li jipprovdi ikel jekk ma jkunx qabel akkwista u ma jkollux liċenza.'*

Dan il-Bord jagħmel referenza ukoll ghall-artikolu 43(1)(a) tal-Att Dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, liema artikolu jgħid:

> *'Kull min –*
>
> *(a) mingħajr ma jkollu liċenza, imexxi xi attività turistika jew jippermetti li xi attività turistika titmexxa minnu jew fi proprjetà li tagħha jkun is-sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attività li kieku kellu liċenza valida...*
>
> *ikun ħati ta' reat ...'*

Għalkemm l-appellant jidher li kien qed jipprova iġib il-permessi neċessarji sabiex jirregola ruħu mal-liġi sabiex jopera l-istabbiliment ta' l-ikel, mill-provi ħareġ li minkejja n-numru ta' twissijiet li saru lill-appellant, hu baqa' jopera l-istabbiliment mingħajr il-permessi meħtieġa kemm mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u konsegwentement mill-Awtorita' tat-Turizmu.

Għaldaqsant, in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, il-Bord jiċħad l-appell magħmul minn Joseph Agius u jikkonferma id-deċizjoni ta' l-Awtorita tat-Turizmu datat is-27 ta' Jannar 2017.

L-ispejjez ta' dan l-appell jitħallsu mill-appellant Joseph Agius.

**Avv. Alexandra Mizzi**

**Madam Chairman**

**Avv. Helen Caruana**

**Membru**

**Ms. Joan Sheridan Manara**

**Membru**

**Dr. Lynn Faure'**

**Secretarja**